# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 2/2021

19 ta' Frar, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

2.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal illi l-Viċi Sindku kien avża illi ma kienx ġie rilaxxat mix-xogħol, għaldaqstant ma setax jattendi għal-laqgħa. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

2.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

2.2.1 Is-Sindku qal illi ref punt 1.4.3 (flyer għal aktar għarfien fuq il-mentoring), il-flyer kien sar u li kien intbaghat lill-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel li l-poster kien tajjeb u għalhekk kellu jitqassam lir-residenti mid-Dipartiment stess.

2.2.2 Is-Sindku qal illi kellu xi update fuq Slow Streets pero' din kellha tiġi diskussa waqt l-istess laqgħa aktar il-quddiem.

2.2.3 Is-Sindku qal illi rigward ref punt 1.4.7 (ġonna vertikali) kien tkellem mal-Ministru li għarrfu illi l-Kunsilli ma kienux eliġġibbli li japlikaw għaliex kienet applikazzjoni għal djar privati sabiex jsebbħu l-faċċata tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta l-fondi relatati mal-Planning Authority u qabel illi l-fondi tal-UIF funds għandna nużawhom sabiex isir it-tisbiħ fil-pjazza għal Slow Streets, filwaqt illi l-50,000 Euro li għandna għal Sebbaħ il-Lokal il-Kunsill qabel illi għandna nipruvaw nużawhom sabiex inħallsu d-differenza li ser ikun hemm mill-prezz ta' Asfalt għal prezz ta' *Stencil Concrete* għal Sqaq San Pawl.

2.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 1.4.9 (*yellow box* fi Triq ta' Rqajja) il-garaxx ma kienx qed jintuża. Il-Kunsill iddiskuta x'ġara f'parkeġġi oħra u qabel li jekk il-Kunsill ikun ċert li mhux qed jintuża dan għandu jitneħħa.

2.2.5 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Joanna Abdilla kkonfermat illi r-rifreskar biż-żebgħa tal-linji ref punt 1.4.2 (triq San Ġorġ) kien sar.

2.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 1.4.12 is-siġriet li ssuġġerixxiet il-Kunslliera Joanna Abdilla ser jinżergħu fi Triq Carmelo Caruana u mhux Triq il-Karwija.

2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.3.1 Is-Sindku fakkar il-Kunsill illi l-iffirmar tal-ftehim (MoU) rigward id-Dimentia kienet ser tkun nhar il-Ħamis 25 ta' Frar fl-4:00pm.

2.3.2 Is-Sindku fakkar il-Kunsill sabiex min kien għadu ma kkonfermax sabiex jattendi għal laqgħa mal-Ministru Dalli u kellu x-xewqa li jattendi kellu jagħmel dan.

2.3.3 Is-Sindku għadda kopja tal-pjanta tar-roundabout u l-boqs ta' kif kienet ġejja r-*roundabout* ta' Triq tal-Karwija. Huwa qal li kien għadda l-pjanti lill-*Malta Industrial Parks* minħabba li kienu jridu jtuna l-permess li nagħmlu l-panelli fil-*car park* tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta l-pjanti tar-rounabout u s-Sindku kkonferma illi dan il-proġett kien ser isir kompletament mill-MELP li jaqgħu taħt il-Ministeru tal-Ambjent.

2.3.4 Is-Sindku qal illi r-Reġjun kien ħareġ skema ġdida għal għajnuna lil-libreriji pubbliċi. Huwa qal illi l-Kunsill kien ser jibbenefika sa massimum ta' 500 Euro. Is-Sindku qal li kien tkellem mal-librara li kienet qed tissuġerixxi li ssir *reading area*. Is-Sindku ressaq il-proposti tal-librara, saret diskussjoni u qabel fuq waħda mill-proposti. (ixkaffar addattat għall-kantuniera).

2.3.5 Is-Sindku spjega illi l-Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 kienet ġiet emendata u issa s-sena ta' perjodu tal-implimentazzjoni ħa tibda tgħodd minn meta id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika jirrevoka d-direttiva ta' l-attivitajiet tal-massa. Huwa qal li issa ma kienx hemm xi jżommna milli naplikaw għal Festa Qamar il-Għasel għal din l-applikazzjoni. Il-Kunsill qabel.

2.3.6 Is-Sindku qal illi kien ġie nfurmat illi fi Sqaq tal-Ġarra kien hemm xi ħadd joqgħod hemm u peress li ma kienx hemm tabella tindika l-isem tal-isqaq kien qed ikun diffiċċli li xi ħadd jsib id-dar ta' din il-persuna. Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-Kunsill għandu jordna t-tabella bl-isem tal-istess triq. Il-Kunsill qabel.

2.3.7 Is-Sindku qal illi xi persuni kienu reġgħu qattgħu l-fence tal-grawnd. Huwa qal illi kien irċieva suġġeriment illi l-fence għandu jsir bħal fencing li għadu kif sar is-Siġġiewi u li l-passaġġ isir aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna jġibu stima sabiex isir il-fencing ġdid u nipruvaw nressqu t-talba tagħna lil Sports Malta forsi nkunu nistgħu nibbenfikaw minn xi fondi.

2.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward il-librerija li kien hemm fil-bandli. Is-Sindku kkonferma illi minħabba fil-pandemija l-Kunsill kellu jneħħi l-kotba kollha mill-istess librerija.

2.3.9 Is-Sindku ssuġerixxa illi s-siġra maħruqa li hemm fi Ġnien ta' Ball għandha titneħħa. Il-Kunsill qabel li għandna nġibu lil xi ħadd sabiex titneħħa.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ġie skużat mil-laqgħa 17.51 u rritorna 17.53.

2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

2.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa Triq il-Kuċċard il-parti sekondarja f'hiex konna wasalna. Is-Sindku spjega li l-*sleeping police* kienet qiegħda għall-approvazzjoni ta' transport Malta, u hekk kif ikollna l-approvazzjoni l-Kunsill għandu jinforma lill-Infrastructure Malta u wara jkunu jistgħu jsiru x-xogħolijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi l-parti fejn kien qed iżomm l-ilma kienet għadha ma tranġatx ukoll. Il-Kunsill iddiskuta diversi issues oħra li hemm fis-Service Road ta' Triq il-Kuċċard.

2.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ura x-xewqa illi l-Kunsill jiddiskuti l-punt għal ġonna vertikali fil-futur.

2.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi l-Kunsill kien irċieva risposta rigward it-tqassim tat-traffiku hekk kif kien qabel il-Kunsill. Il-Kunsilliera iddiskutew xi punti oħra rigward it-traffic management u qablu illi għandna nħallu dawn il-punti u oħrajn li jistgħu jinqagħu għal wara li jsir aktar konsultazzjoni u hekk inkunu nistgħu nressqu l-punti kollu f'daqqa. Il-Kunsill qabel.

2.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi kien xtara s-sardinell u tħawwel. Il-Kunsill faħħru għal din l-inizjattiva.

2.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk xi individu kienx ikkuntatja lill-Kunsill rigward ilma li kien qed iżomm hekk kif taqbeż il-Ġnien ta' Ball. Is-Sindku qal illi din il-persuna kienet kellmet anki lilu u li kien għadda l-ilment lil Infrastructure Malta li kienu għamlu x-xogħolijiet fl-istess triq.

2.5 Jum Ħal Safi

Is-Sindku qal illi minhabba s-sitwazzjoni preżenti din is-sena mhux ser ikun possibbli li niċċelebraw Jum Ħal Safi bħall-imgħoddi. Huwa qal illi sabiex ma nerġgħux naqbżu l-Premju Onorifiċenza sena oħra huwa ssuġġerixxa illi din is-sena ninkorporawha mal-quddiesa tal-Ħadd filgħodu. Il-Kunsill iddiskuta dan il-punt u qabel illi għal din is-sena l-premju jingħata wara l-quddiesa ta' Jum Ħal Safi li ser jaħbat nhar il-Ħadd 11 ta' April.

2.6 Rapporti

2.6.1 Approvazzjoni tar-Raba' Kwart tal-*Financial Report 2020*

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tar-raba *Quarterly Financial Statements* Q4 (Ottubru – Diċembru 2020) lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

2.6.2 Approvazzjoni Estimi Finanzjarji 2020

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Estimi finanzjarji tas-sena 2020 lis-Sindku u l-Kunsillier kollha. L-Accountant spjegat il-Financial Statements lill-Kunsill. Il-Kunsill approva dawn il-Financial Statements għas-sena 2020.

2.7 Korrispondenza

2.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba sabiex il-Kunsill jixtri kwadru tad-Duluri u ieħor ta' Kristu Msallab. Il-Kunsill qabel.

2.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mingħand transport Malta sabiex issir *reserved parking* fi Triq San Ġorg. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi l-Kunsill kien ser jiċċekja l-post fejn qed jintalab ir-*reserved parking*.

2.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi fi Trejqet it-Twemmin saret talba għal *unloading* bay li għaliha l-Kunsill kien irċieva lment minn resident fl-istess triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' oġġezzjoni lill-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta dan il-punt u qabel illi l-Kunsill għandu jirrispondi din il-persuna illi l-approvazzjon tal-unloading bay u fejn issir hija deċiżjoni finali ta' Transport Malta.

2.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni minn Transport Malta sabiex yellow bay li hemm fi Triq il-Kaċċaturi titneħħa għaliex ma tikwalifikax. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha titneħħa.

2.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva l-approvazzjon mingħand l-Assoċjazzjon Kunsilli Lokali illi l-proposta emandata sabiex nagħmlu l-information panels għal Ġnien ta' Ball kienet ġiet approvata.

2.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat e-mail mill-Assoċjazzjoni rigward assikurazzjoni fuq il-ħajja. Il-Kunsill iddiskuta u qablu illi hija diskriminazzjoni illi nies il-fuq minn 65 mhux ser ikunu eliġġibbli.

2.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva talba sabiex isir is-sinjal l-abjad tan-nofs fi Triq tal-Karwija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nieħdu kwotazzjoni.

2.7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva lment mingħand residenti illi kien mar f'Ġnien t'Amparell u xi ħadd kien qallu li ħadd ma jista' jidħol f'dan il-Ġnien u li huwa flimkien ma persuna oħra biss għandhom il-permess mill-Kunsill li jidħlu f'dan il-ġnien. Il-Kunsill iddiskuta dan il-punt fejn qablu li l-permess li ingħata kien wieħed verbali u numru ta' snin ilu. Il-Kunsill qabel illi ser jikkomunikaw ma dawn l-individwi sabiex niċċaraw il-punt li ħadd ma jista' jiċċaħħad milli jidħol fil-ġnien.

2.7.9 Saret diskussjoni fuq xi punti oħra mill-korrispondenza.

2.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjon tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-7:41pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 18 ta’ Marzu, 2021 fil-5:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv